

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 357/2010**tat-23 ta' April 2010****li jemenda r-Regolament (UE) Nru 185/2010 tal-4 ta' Marzu 2010 li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 820/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistipula miżuri għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà fl-avjazzjoni ⁽²⁾ fih proċeduri ta' sigurtà għall-provvisti ta' likwidi u boroż li jekk jitbagħbsu jkun evidenti (tamper-evident). Madankollu, ir-Regolament se jiġi revokat mid-29 ta' April 2010.
- (2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 185/2010 tal-4 ta' Marzu 2010 li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ⁽³⁾ se jieħu post ir-Regolament (KE) Nru 820/2008. Ir-Regolament (UE) Nru 185/2010 ma fihx proċeduri ta' sigurtà għall-provvisti ta' likwidi u boroż li jekk jitbagħbsu jkun evidenti.
- (3) Sabiex l-avjazzjoni ċivili tiġi protetta kontra atti illeġittimi ta' interferenza li jipperikolaw is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili, għandhom jinżammu l-proċeduri ta' sigurtà għall-

provvisti ta' likwidi, aerosols u ġellijiet (LAGs) u l-boroż tas-sigurtà li jekk jitbagħbsu jkun evidenti (STEBs) mibjugħa fiż-żoni tal-ajru fl-ajruporti tal-Unjoni. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiddaħħlu fir-Regolament (UE) Nru 185/2010.

- (4) Ir-Regolament (UE) Nru 185/2010 għandu japplika mid-29 ta' April 2010. Id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament huwa għalhekk urġenti billi għandu japplika mill-istess data.
- (5) Ir-Regolament (UE) Nru 185/2010 għalhekk għandu jiġi emendat skont dan.
- (6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sigurtà tal-Avjazzjoni Ċivili stabbilit bl-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 300/2008,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 185/2010 huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu japplika mid-29 ta' April 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' April 2010.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 97, 9.4.2008, p. 72⁽²⁾ ĠU L 221, 19.8.2008, p. 8.⁽³⁾ ĠU L 55, 5.3.2010, p. 1.

ANNEX

L-Anness għar-Regolament (UE) Nru 185/2010 huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Kapitolu 8, il-punt 8.3 li ġej huwa miżjud:

“8.3 DISPOŻIZZJONIJIET ADDIZZJONALI TAS-SIGURTÀ GĦALL-PROVVISTI GĦAL MATUL IT-TITJIRA TA' LAGS U STEBS

1. Il-provvisti għal matul it-titjira ta' STEBs għandhom jaslu f'żona tal-ajru jew f'żona ristretta ta' sigurtà f'pakkett li jekk jitbagħbas ikun evidenti.
2. Wara l-ewwel ilqugħ tagħhom f'żona tal-ajru jew f'żona ristretta ta' sigurtà u sakemm jaslu għall-bejgħ finali fuq l-ajruplan, l-LAGs u l-STEBS għandhom jiġu protetti minn interferenzi mhux awtorizzati.
3. Id-dispożizzjonijiet dettaljati għad-dispożizzjonijiet addizzjonali tas-sigurtà għall-provvisti għal matul it-titjira ta' LAGs u STEBS huma stipulati f'Deċiżjoni separata.”

(2) Fil-Kapitolu 9, il-punt 9.3 li ġej huwa miżjud:

“9.3 DISPOŻIZZJONIJIET ADDIZZJONALI TAS-SIGURTÀ GĦALL-PROVVISTI TA' LAGS U STEBS

1. Il-provvisti ta' STEBs għandhom jaslu f'żona tal-ajru lil hinn mill-punt fejn jiġu kkontrollati l-karti tal-imbarkazzjoni jew f'żona ristretta ta' sigurtà f'pakkett li jekk jitbagħbas ikun evidenti.
 2. Wara l-ewwel ilqugħ tagħhom f'żona tal-ajru jew f'żona ristretta ta' sigurtà u sakemm jaslu għall-bejgħ finali fil-ħanut, l-LAGs u l-STEBS għandhom jiġu protetti kontra interferenzi mhux awtorizzati.
 3. Id-dispożizzjonijiet dettaljati għad-dispożizzjonijiet addizzjonali tas-sigurtà għall-provvisti ta' LAGs u STEBs huma stipulati f'Deċiżjoni separata.”
-